32002R1517

L 228/12 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.8.2002

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1517/2002

tat-23 ta' Awwissu 2002

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Eġej iż-żgħar, fir-rigward tal-kultivazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli, patata għall-konsum mill-bniedem u patata taż-żriegħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li introduċa miżuri speċifiċi għall-Gżejjer Eġej iż-żgħar fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 442/2002 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 jgħid li għandha tingħata għajnuna għal kull ettaru għall-kultivazzjoni tal-patata għall-konsum mill-bniedem u l-patata taż-żriegħ sa erja massima kkultivata u bil-wiċċ maħsud ta' 2 200 ettaru kull sena. Ġew adottati regoli għall-applikazzjoni ta' dawn l-arranġamenti permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3404/93 [3] li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93. Għandhom isiru xi aġġustamenti tekniċi għal dawn id-disposizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri ta' kontroll u l-penali għan-nuqqas ta' konformità ma' dawn id-disposizzjonijiet u, għal għanijiet ta' kjarezza u effiċjenza amministrattiva, dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom jiġu mibdula fit-totalità tagħhom.

(2) Qabel ma tkun tista' tingħata l-għajnuna li hemm provdut għaliha fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, għandhom jiġu ppreżentati applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-produtturi interessati. Għandha tiġi stabbilita data finali għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jsiru l-kontrolli fuq il-post meħtieġa biex tiġi garantita l-applikazzjoni xierqa tar-regoli. Din id-data għandha tvarja skond l-iskop li għalih il-patata tkun qegħdha tiġi kkultivata. It-tul ta' żmien taċ-ċiklu tal-kultivazzjoni tal-patata jimponi l-ispeċifikar ta' tliet dati finali differenti biex jiġu preżentati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għal din il-kultivazzjoni.

(3) Għandha tiġi introdotta sistema biex tikkontrolla li l-miżuri ta' implimentazzjoni miġjuba fis-seħħ mill-awtoritajiet Griegi jkunu ġew imwettqa kif suppost. Dawn l-awtoritajiet għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni perjodikament.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 3404/93 għandu għalhekk jiġi revokat.

(5) Il-miżuri maħsuba f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħops,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. L-għajnuna li għaliha hemm provdut taħt l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 għall-kultivazzjoni tal-patata għall-konsum mill-bniedem u li taqa' taħt il-kodiċi NM 0701 90 50 u 0701 90 90 u ta' patata taż-żriegħ li taqa' taħt il-kodiċi NM 0701 10 00, għandha titħallas fuq iż-żoni:

(a) ta' daqs minimu ta' 0,1 ettaru;

(b) miżrugħin u mogħtija kull trattament normali ta' kultivazzjoni; u

(ċ) li għalihom tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni kif speċifikat fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, u l-applikazzjoni sservi bħala dikjarazzjoni taż-żona kkultivata.

L-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun ta' EUR 603 għal kull ettaru.

2. Il-pagament ta' l-għajnuna għall-patata taż-żriegħ għandu jkun ukoll fuq il-kondizzjoni taċ-ċertifikazzjoni li l-patata maħsuda hija skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 66/403/KEE [4]. Jekk din iċ-ċertifikazzjoni ma tiġix miksuba, l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala applikazzjoni għal għajnuna għall-kultivazzjoni tal-patata għall-kounsum mill-bniedem.

3. F'dawk il-każi fejn l-uċuħ tar-raba' ma jilħqux il-fażi tal-ħsad, l-awtoritajiet Griegi jistgħu jawtorizzaw li l-għajnuna tkompli tingħata jekk iż-żona kkultivata mill-applikant tkun ġiet sostanzjalment effettwata minn *force majeure* jew minn xi diżastru naturali.

Każijiet ta' *force majeure* jew diżastri naturali għandhom jiġu mgħarrfa lill-awtorità kompetenti Griega fi żmien għaxart ijiem xogħol minn meta jseħħu. Prova ta' dan għandha tiġi provduta fi żmien xahar minn meta ssir in-notifika.

Il-Greċja għandha tinforma lill-Kummissjoni b'każijiet li tidentifika li huma *force majeure* jew diżastri naturali tax-xorta li jkun ġustifikat id-dritt għall-għajnuna kontinwa.

L-Artikolu 2

1. Dawk il-produtturi li jixtiequ jirċievu l-għajnuna għandhom jiddepożitaw applikazzjoni ma' l-awtorità Griega.

2. L-applikazzjonijiet għandhom isiru matul perjodu stabbilit mill-awtorità Griega li jispiċċa nhar:

(a) it-30 ta' Settembru ta' kull sena, għall-patata li l-ħsad tagħha jkun ser isir bejn l-1 ta' Novembru u l-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara;

[1] ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.
[2] ĠU L 68, tat-12.3.2002, p. 4.
[3] ĠU L 310, ta' l-14.12.1993, p. 7.
[4] ĠU 125, tal-11.7.1966, p. 2320/66.

(b) l-10 ta' Marzu ta' kull sena, għall-patata li l-ħsad tagħha jkun ser isir bejn l-1 ta' April u l-31 ta' Lulju ta' l-istess sena;

(ċ) fil-15 ta' Mejju ta' kull sena, għall-patata li l-ħsad tagħha jkun ser isir bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Ottubru ta' l-istess sena.

3. Minbarra f'każijiet ta' *force majeure* applikazzjonijiet li jaslu tard jikkawżaw tnaqqis ta' 20 % fl-għajnuna mogħtija. Applikazzjonijiet li jaslu aktar minn 20 ġurnata tard jitqiesu bħala invalidi.

4. L-applikazzjonijiet għandu jkun fihom għallinqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-kunjom, l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(b) iż-żona kkultivata mkejjla f'ettari u *ares* u r-referenza ta' l-art jew indikazzjoni meqjusa bħala ekwivalenti mill-awtorità responsabbli mill-kontroll taż-żoni;

(ċ) id-data ta' meta sar iż-żriegħ;

(d) il-prodott ikkonċernat u b'mod partikolari jekk hux qed jiġu nvoluti patata taż-żriegħ jew patata għall-konsum mill-bniedem;

(e) id-data tal-ħsad skedata.

5. Jekk iż-żona totali koperta bl-applikazzjonijiet għall-għajnuna tkun aktar miż-żona massima stipulata fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, l-awtoritajiet Griegi għandhom jiffissaw koeffiċjent uniformi ta' tnaqqis li għandu jiġi applikat għal kull applikazzjoni.

L-Artikolu 3

1. Il-Greċja għandha tinforma lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Ottubru ta' kull sena, bl-estimi tagħha taż-żoni totali li għalihom tkun trid tingħata l-għajnuna fis-sena ta' wara, filwaqt li ssir distinzjoni bejn patata bikrija, patata ta' l-ikel u patata taż-żriegħ.

2. Il-Greċja għandha tinforma lill-Kummissjoni kull sena, sat-30 ta' Awissu għall-patata bikrija u sal-31 ta' Diċembru għall-uċuħ prinċipali (patata ta' l-ikel) u l-patata taż-żriegħ:

(a) it-total taż-żoni li għalihom tkun ġiet mitluba l-għajnuna;

(b) il-koeffiċjent ta' tnaqqis li jkun ġie applikat, jekk neċessarju;

(ċ) iż-żona li tkun ġiet ikkontrollata;

(d) in-numru ta' irregolaritajiet misjuba u iż-żona involuta f'kull *Nomos*.

L-Artikolu 4

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' l-għajnuna maħsuba fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 jiġu osservati kollha.

Il-verifika għandha ssir permezz ta' kontrolli amministrattivi kif ukoll b'kontrolli fuq il-post. Il-kontroll amministrattiv għandu jsir permezz ta' u jinkludi, jekk ikun f'loku, kontrolli bir-reqqa tad-*data* fis-sistema integrata ta' l-amministrazzjoni u tal-kontroll.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post, ibbażati fuq analiżi dwar ir-riskju, billi jeżaminaw kampjuni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna li jirrappreżentaw għallinqas 10 % ta' dawk li jkunu rċevew għajnuna f'kull *Nomos*.

Il-Greċja għandha tistabbilixxi u tinforma lill-Kummissjoni bil-kriterji ta' kif għandhom jintgħażlu iż-żoni li għandhom jiġu kkontrollati. Dawn il-kriterji għandhom jiżguraw li l-kampjun magħżul ikun wieħed rappreżentattiv.

Il-kontrolli fuq il-post għandhom jinkludu l-kejl taż-żoni kollha li jaqgħu taħt l-applikazzjoni ikkonċernata. Jekk jagħti l-każ li jinstab li hemm numru sinifikanti ta' irregolaritajiet f'*Nomos*, l-awtorità kompetenti għandha twettaq kontrolli addizzjonali matul dik is-sena partikolari kif ukoll iżżid il-perċentwali ta' applikazzjonijiet li għandhom jiġu kontrollati fis-sena ta' wara f'dik in-*Nomos*.

L-Artikolu 5

1. Meta tkun ingħatat għajnuna b'mod mhux mistħoqq l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi biex jiġbru lura l-ammont imħallas, bl-imgħax, ikkalkolat mid-data tal-ħlas ta' l-għajnuna sad-data tal-ħlas lura mill-benefiċjarju.

Fejn jirriżulta li l-ħlas mhux mistħoqq ikun sar minħabba dikjarazzjoni falza, dokumenti foloz jew negliġenza serja minnaħa ta' min ikun irċieva l-għajnuna, tiġi mposta multa ekwivalenti għall-ammont imħallas mhux mistħoqq. Ir-rata ta' l-imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-transazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid tiegħu pubblikata fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, li tkun fis-seħħ fid-data li fiha jkun sar il-ħlas mhux mistħoqq, u miżjuda bi tliet punti perċentwali.

2. L-għajnuna li tkun inġabret lura għandha titħallas lill-awtoritajiet jew lill-aġenziji ta' ħlas, u mnaqqsa minnhom mill-ispiża finanzjata mill-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija Agrikola.

L-Artikolu 6

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3404/93 huwa rrevokat b'dan il-mezz.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Awwissu 2002.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni